MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2011

Talba Numru. 448/2010

**Frank Gollcher**
**I.D.452257-M**

**vs**

**EuroShops Limited**
**C-33889**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab illi jigi dikjarat illi s-Socjeta’ konvenuta hi debitrici ta’ l-attur fis-somma ta’ elf, seba’ mija u tlett Ewro u tmienja u ghoxrin centezmu (€1,703.28c) rapprezentanti bilanc fuq dritt dovut ghal servizzi rezi lilha. Illi ghalkemm dik is-Socjeta’ konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex thallas l-ammont dovut, din baqghet inadempjenti.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq imsemmija s-Socjeta’ attrici talbet lil dan it-Tribunal sabiex joghgbu jikkundanna lis-Socjeta’ konvenuta thallas lilha l-ammont ta’ elf, seba’ mija u tlett Ewro u tmienja u ghoxrin centezmu (€1,703.28c) rapprezentanti bilanc fuq dritt ghal servizzi rezi lilha.

Bl-ispejjez ta’ din il-procedura flimkien ma’ dawk ta’ l-ittra interpellatorja tad-29 ta’ Marzu, 2009, u dawk tat-8 ta’ Frar, 2010, u bl-interessi skond il-ligi sad-data tal-pagament effettiv kontra s-Socjeta’ konvenuta li giet ngunta sabiex tidher ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tas-Socjeta’ konvenuta, li permezz taghha eccepiet preliminarjament li l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini tal-artikolu 2149 tal-Kodici Civili. Subordinatament li l-ammont mitlub mhux dovut stante li kull ammont li seta’ kien dovut gia thallas. Subordinatament illi l-ammont mitlub huwa ezagerat.

Semgha x-xhieda tal-partijiet u ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha li gew esebiti.

Illi din is-sentenza tittratta limitatament dwar l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni sollevata mis-Socjeta’ konvenuta.

Ikkunsidra:

Illi fid-deposizzjoni li ta Maurice Gruppetta, li jokkupa l-kariga ta’ managing director fi hdan is-Socjeta’ konvenuta, iddikjara illi qabel ma s-Socjeta’ konvenuta rceviet l-atti tal-kawza, kien ircieva ittra ghall-habta ta’ Jannar 2009; u sa fejn jiftakar, din kienet intbghatet mill-attur stess. F’din l-ittra kien intalab hlas fl-ammont ta’ elfejn u sitta u disghin Ewro (€2,096.00). Imbaghad jiddikjara li l-ittra kienet datata April, 2009, u li ntbghatet mill-mara tal-attur. Illi madanakollu, jsostni illi ebda ammont m’huwa dovut mis-Socjeta’ konvenuta.

Illi l-attur xehed illi l-ammont reklamat jirraprezenta hlas ghal servizzi rezi minnu fuq inkarigu tas-Socjeta’ konvenuta.  Il-fatturi relattivi nhargu f’Awissu, 2007. Xehed

ukoll illi rcieva tliet (3) pagamenti minghand is-Socjeta' konvenuta, u dawn saru l-ewwel wiehed fit-28 ta' Frar 2009 fl-ammont ta' elf u hames mitt Ewro (€1,500.00), u t-tnejn l-ohra permezz ta' zewg pagamenti li saru ghall-habta ta' Mejju, 2009, wiehed fl-ammont ta' disa' mitt Ewro (€ 900.00) u l-iehor fl-ammont ta' erba' mija u tnejn u tletin Ewro (€432.00).

Illi dwar il-bilanc li kien ghadu dovut, xehed illi kull meta hu stess jew martu kienu jikkomunikaw mar-rapprezentant tas-Socjeta' konvenuta, qatt ma qalilhom li ma kienx ser ihallas, anzi kien jghidilhom li eventwalment ser ihallas dak li kien ghadu dovut. Anke nzammu xi laqghat bejn il-partijiet, u saru diversi proposti sabiex jintlahaq ftehim dwar l-ammonti pendenti. Jghid ukoll illi kienet saret proposta mid-direttur tas-Socjeta' konvenuta, izda din ma gietx accettata mill-istess attur.

Illi jkompli jghid illi saret offerta mill-istess direttur permezz ta' e-mail datata 7 ta' Dicembru, 2009. Illi f'din l-email, li tinsab a fol. 33, jidher illi s-Socjeta' konvenuta – ghalkemm kienet qed tikkontesta l-ammont mitlub mill-attur – ghamlet offerta, u dan huwa konformi ma' dak li xehed l-istess attur.

Ikkunsidra:

Illi b'referenza ghall-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mis-Socjeta' konvenuta, liema eccezzjoni jehtieg illi tigi interpretata bl-aktar mod restrittiv possibbli, jehtieg illi jigi stabbilit primarjament jekk l-artikolu li ghalih saret referenza mis-Socjeta' konvenuta japplikax ghall-kaz in ezami. Illi ghalkemm ma giex indikat specifikament is-subinciz li s-Socjeta' konvenuta qed tinvoka minn dan l-Artikolu, jidher illi l-kaz in ezami jinkwadra ruhu fid-disposizzjonijiet tal-Artikolu 2149 (c). Illi kif gie ritenut fil-kawza fl-ismijiet Stuart G. Craig vs George Mifsud noe deciza mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Marzu, 1998, is-servizzi rezi mill-attur jinkwadraw ruhhom f'dik il-parti ta' dan l-artikolu tal-Ligi in kwantu japplika ghal "persuni ohra li jezercitaw professjonijiet jew arti liberali ohra".

Illi l-istess Socjeta’ konvenuta qed issostni illi gialadarba s-servizzi rezi mill-attur gew imwettqa aktar minn sentejn qabel ma giet proposta din l-azzjoni, tant illi l-fatturi relattivi (u li kopja taghhom tinsab a fol. 29 – 31) inhargu fl-10 ta’ Awissu, 2007, allura t-talba tal-istess attur ghall-hlas tal-bilanc spettanti lilu, hija preskritta b’applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-artikolu tal-Ligi in kwistjoni.

Illi l-attur, da parti tieghu, qieghed isostni illi t-terminu preskrittiv ma japplikax ghal kaz odjern stante illi giet skambjata korrispondenza bejn il-partijiet, aktar precizament e-mails (li kopja taghhom tinsab in atti a fol. 32 et seq.), illi permezz taghha s-Socjeta’ konvenuta irrikonoxxiet id-debitu taghha fil-konfront tal-attur, tant illi anke saret offerta ta’ transazzjoni, li pero’ ma gietx accettata mill-istess attur.

Ikkunsidra,

Illi l-Ligi tiddisponi tliet cirkostanzi li permezz taghhom jinkiser it-terminu tal-preskrizzjoni tal-azzjoni, u dawn huma, permezz ta’ att gudizzjarju li jkun gie debitament notifikat lid-debitur, l-gharfien tal-jedd tal-parti li kontra taghha hu ghaddej iz-zmien tal-preskrizzjoni, u finalment, il-hlas akkont.

Illi mill-provi mressaq mill-partijiet irrizulta illi ghalkemm giet skambjata korrispondenza bejn il-partijiet kontendenti, inkluz ittri interpellatorji, l-uniku att gudizzjarju li gie pprezentat mill-attur fil-konfront tas-Socjeta’ konvenuta ghall-hlas tad-dritt dovut lilu, kien precizament l-avviz tat-talba odjerna, liema att gudizzjarju gie pprezentat fis-26 ta’ Marzu, 2010. Illi ghalhekk wara li skadew is-sentejn minn meta nhargu l-fatturi mill-attur, datati 10 ta’ Awissu, 2007.

Illi dwar it-tieni mod li permezz tieghu tigi interrotta l-preskrizzjoni, u cioe’ l-gharfien tal-jedd tal-parti li kontra taghha hu ghaddej iz-zmien tal-preskrizzjoni, li huwa l-mod li permezz tieghu l-attur qed isostni li giet interrotta l-preskrizzjoni, u dan permezz tal-offerta li saret mis-Socjeta’ konvenuta permezz tal-e mail datata 7 ta’

Dicembru, 2009, jigi rilevat illi l-gurisprudenza tghallem illi tali gharfien tal-jedd mid-debitur irid ikun wiehed car u univoku.

Illi f'dan ir-rigward ssir referenza ghas-segwenti decizjonijiet, u cioe', Raymond Vella vs Moby Rentals Limited (Qorti tal-Appell) deciza fit-22 ta' Novembru, 2001, fejn gie ritenut illi; "...hu fil-gurisprudenza stabbilit illi kwalunkwe offerta li ssir in linja ta' transazzjoni ma kellhiex l-effett li tinterrompi l-preskrizzjoni jew li tigi meqjusa bhala rikonoxximent tad-debitu."

Illi l-istess gie dikjarat fis-sentenza li nghatat fil-kawza fl-ismijiet Trevor Buhagiar et vs Montaldo Insurance Services Limited pro et noe (Prim' Awla tal-Qorti Civili) li giet deciza fit-30 ta' April, 2003, fejn il-Qorti ddikjarat illi; "...ghalkemm ma hemm l-ebda kliem bla pregudizzju fuq l-istess offerta xorta wahda ghandha titqies li saret bla pregudizzju, u dan skond kif ritenut fis-sentenza Negoziante Carmelo Chetcuti et vs Negoziante Constantino Balzan et (1950 – Vol. XXXIVA) "L-offerti li jsiru in linea ta' transazzjoni m'ghandhomx l-effikacja li jinterrompu l-preskrizzjoni jew l-effikacja ta' rikonoxximent tad-dejn, ghaliex proposti simili jsiru minghajr pregudizzju tad-drittijiet rispettivi tal-kontendenti."

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, il-fatt illi s-Socjeta' konvenuta ghamlet offerta ta' pagament ex gratia, ma ghandux jigi meqjus bhala rikonoxximent tad-debitu, u lanqas ma jservi bhala interruzzjoni ta' preskrizzjoni kif sollevata mis-Socjeta' konvenuta.

Illi fir-rigward tal-ahhar mod li permezz tieghu tista' tigi interrotta l-preskrizzjoni, u cioe' permezz ta' hlas akkont, mill-provi mressqa mill-partijiet jirrizulta kemm mid-deposizzjoni li nghatat mill-attur, kif ukoll mir-rendikont ipprezentat minnu u li kopji tieghu jinsabu a fol. 27 u 28, jidher illi s-Socjeta' konvenuta wettqet tliet pagamenti akkont tal-prezz, u cioe' pagament fl-ammont elf u hames mitt Ewro ta' (€1,500.00) fit-28 ta' Frar 2009, u imbaghad zewg pagamenti ohra, wiehed ta' disa' mitt Ewro (€900.00) u iehor ta' erba' mija u tnejn u tletin Ewro

(€432.00) fl-14 ta' April 2009. Illi mill-atti processwali ma jirrizultax illi meta gew imwettqa dawn il-pagamenti mis-Socjeta' konvenuta, dawn gew imwettqa b'xi rizerva dwar il-bilanc li kien ghadu dovut ai termini tal-istess fatturi, jew ghas-saldu tal-ammont dovut.

Illi l-fatt illi s-Socjeta' konvenuta wettqet pagamenti akkont tal-ammont pretiz mill-attur, u dan a bazi ta' tliet fatturi mahruga mill-istess attur, liema hlas akkont ma jirrizultax li huma bi hlas ghal xi partita partikolari, allura ghandhom jitqiesu li kienu mhallsa akkont ta' dak kollu li kien qed jippretendi l-attur. Illi ghalhekk tali pagamenti jistghu jitqiesu li huma atti interruttivi tal-perjodu preskrittiv. Konsegwentement, u gialadarba jidher li l-ahhar hlas li gie imwettaq mis-Socjeta' konvenuta sar fl-4 ta' April, 2009 – liema fatt ma giex ikkontestat mill-istess Socjeta' konvenuta – u l-azzjoni odjerna giet proposta fis-26 ta' Marzu, 2010, allura l-preskrizzjoni biennali sollevata mis-Socjeta' konvenuta ma tapplikax ghal kaz odjern.

Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal jichad l-eccezjoni ta' preskrizzjoni sollevata mis-Socjeta' konvenuta, jordna l-proseguiment tas-smiegh tal-kawza fuq il-mertu.

Jirrizerva li jipprovdi dwar l-ispejjez fis-sentenza finali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------